**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Pembroke**

# SEBA’ LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 06/2017

**It-Tlieta 30 ta’ Mejju, 2017**

Il-Kunsill Lokali Pembroke ltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Alamein, Pembroke, fil-5:30 ta’ filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dean Hili – Sindku
Raymond Lanzon – Viċi Sindku
Charles Cesare – Kunsillier

**ASSENTI b’APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat **(Dok. 1)**
Mark Causon – Kunsillier **(Dok. 2)**

**ASSENTI**
Ma kien hemm ħadd assenti.

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Kevin Borg – Segretarju Eżekuttiv
Jesmar Scicluna - Ambaxxatur Lokali għaż-Żgħażagħ

## Minuti

Is-Sindku Dean Hili ppresjeda l-laqgħa.

## 6.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji.

6.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat u l-Kunsillier Mark Causon talbu li jiġu skużata.

## 6.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 05/2017.

6.2.1 Is-Sindku Dean Hili ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 05/K7/2017 kif ippreżentati.

6.2.2 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

6.2.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 6.3. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

6.3.1 Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet, is-Sindku Dean Hili għadda għall-item li kien imiss.

## 6.4 Komunikazzjoni mis-Sindku.

6.4.1 Is-Sindku Dean Hili għamel refereza għall-korrispondenza **46/1778/17/I** fejn informa lill-Kunsill li l-iskrivani kienu resqu talba lis-Segretarju Eżekuttiv dwar possibilita' li jinbidlu l-ħinijiet tax-xogħol, liema talbiet is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg infurmah li ma kellu ebda oġġezzjoni għalihom. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li dawn it-talbiet għandhom jiġu aċċettata u jiddaħħlu b'effett immedjat mill-1 ta' Ġunju 2017.

6.4.2 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda u żied li għandha tintbagħat ċirkulari lir-residenti biex ikunu nfurmata bil-ħinijiet il-ġodda.

6.4.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

6.4.4 Is-Sindku Dean Hili għamel refereza għall-korrispondenza **46/1535/17/I** kwotazzjoni mingħand MacMed Ltd., **46/1557/17/I** kwotazzjoni mingħand Sigma Ltd., **46/1542/17/I** kwotazzjoni mingħand S&R (Handaq) Ltd., għal żebgħa tal-bankini, fejn ippropona li għandha tintgħażel dik ta' S&R (Handaq) Ltd. abbażi li l-prezz huwa l-aktar vantaġġuż.

6.4.5 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

6.4.6 Il-Kunsill qabel unanimament.

6.4.7 Is-Sindku Dean Hili għamel refereza għall-korrispondenza **46/1584/17/I** mingħand l-ERA dwar l-Environmental Planning Statement (EPS) vis-a-vis l-iżvilupp ta' City Centre, fejn informa lill-Kunsill li fil-jiem li għaddew, saru laqgħat informali ma' rappreżentanti tal-iżviluppatur u ġie spjegat fuq fuq il-proġett propost. Il-kelliem informa lill-Kunsill li fuq parir tal-Perit tal-Kunsill fil-jiem li għaddew u qabel l-iskadenza tal-ERA, ġie ċċirkolat dokument lill-membri tal-Kunsill u eventwalment wara li ma kien hemm ebda kummenti

mill-membri tal-Kunsill, dan ġie sottomess lill-ERA. Il-kelliem ippropona ir-ratifikazzjoni ta' dan id-dokument.

6.4.8 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

6.4.9 Il-Kunsill qabel unanimament.

6.4.10 Is-Sindku Dean Hili għamel refereza għall-korrispondenza **46/1619/17/I** mingħand il-kuntrattur Charlie Mifsud fejn vis-a-vis l-ammont ta' siġar li tħawlu dan l-aħħar fil-lokal qed jitlob li jiġi kkumpensat l-ammont ta' €59.00 (inkluż il-VAT) għall-bowser ilma extra fil-ġimgħa. Il-kelliem ippropona li l-Kunsill japprova din it-talba.

6.4.11 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

6.4.12 Il-Kunsill qabel unanimament.

6.4.13 Is-Sindku Dean Hili għamel refereza għall-korrispondenza **46/1634/17/I** mingħand il-PAAT dwar il-ġirja fil-lokal b'konessjoni ma' Jum il-Lokal, fejn ippropona li kif sar fis-snin li għaddew il-Kunsill għandu jorganizza numru ta' ġirjiet, liema attivita' għandha ssir bl-għajnuna ta' PAAT u l'issir nhar il-Ħadd 2 ta' Lulju filgħodu.

6.4.14 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

6.4.15 Il-Kunsill qabel unanimament.

6.4.16 Is-Sindku Dean Hili għamel refereza għall-korrispondenza **46/1638/17/I** mingħand id-DGL dwar Benchmark on the Label of Innovation and Good Governence (EloGE award), fejn ippropona li l-Kunsill għandu juri l-interess tiegħu li jipparteċipa.

6.4.17 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

6.4.18 Il-Kunsill qabel unanimament.

6.4.19 Is-Sindku Dean Hili għamel refereza għall-korrispondenza **46/1689/17/I** mingħand il-PA dwar DN 00396/17 – Alteration to existing road design layout, fejn jirriżulta li ġiet approvata t-talba tal-Kunsill. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li l-Kunsill għandu jqabbad lill-J&K Contractors biex isir ix-xogħol kollu li hemm bżonn.

6.4.20 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

6.4.21 Il-Kunsill qabel unanimament.

6.4.22 Is-Sindku Dean Hili għamel refereza għall-korrispondenza **46/1702/17/I** mingħand il-Perit tal-Kunsill Cornerstone Architects & Civil Engineers dwar l-istat ta' Triq il-Mediterran, fejn mill-istess rapport jirriżulta li hemm bżonn li jew isir patching sostanzjali bil-hot tarmac forsi tissolva xi ftit il-problema temporanjament inkella jrid isir intervent fejn terġa' issir mill-ġdid peress li jidher li l-materjal li kien intuża minn kuntrattur tal-Gvern lura fis-sena 2005 kien inferjuri u fuq sodda mhux soda.

6.4.23 Wara diskussjoni li saret il-Viċi Sindku Raymond Lanzon ippropona li kopja tar-rapport għandu jintbagħat lil TM u eventwalment lill-Ministru konċernat fejn jintalab l-intervent tagħhom abbażi tal-konklużjonijiet tar-rapport tal-Perit tal-Kunsill.

6.4.24 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

6.4.25 Il-Kunsill qabel unanimament.

6.4.26 Is-Sindku Dean Hili għamel refereza għall-korrispondenza **46/1740/17/I** mingħand l-Institute of Technology, Humanities, the Arts, Medicine & Science fejn talbu li jorganizzaw wirja ta' pittura fil-Kunsill fl-aħħar ta' Lulju 2017, fejn ippropona li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni anke fid-dawl li l-esibituri huma residenti mill-lokal.

6.4.27 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

6.4.28 Il-Kunsill qabel unanimament.

6.4.29 Is-Sindku Dean Hili għamel refereza għall-korrispondenza **46/1756/17/I** mingħand Electrowaste Ltd. (CCS) fejn talbu laqgħa mal-Kunsill dwar il-possibilita' li jitpoġġew fil-lokal kontenituri li fihom jinġabru ħwejjeġ użata, fejn ippropona li l-Kunsill għandu jilqa' din it-talba.

6.4.30 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

6.4.31 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 6.5 Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet.

6.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg ippreżenta lill-Kunsill:

- **Internal Memo 22/2017** - Lista ta' kwotazzjonijiet għall-provvista ta' żebgħa. **(Dok. 3)**
- **Internal Memo 23/2017** - Lista ta' laqgħat li saru bejn laqgħa referenza 05/K7/17 u 06/K7/17. **(Dok. 4)**
- **Internal Memo 24/2017** - Lista ta' works orders maħruġa bejn laqgħa referenza 05/K7/17 u 06/K7/17. **(Dok. 5)**
- **Internal Memo 25/2017** - Lista ta' ilmenti li saru bejn laqgħa referenza 05/K7/17 u 06/K7/17 u li għadhom pendenti. **(Dok. 6)**
- **Internal Memo 21/2017** - Laqgħa mal-PA dwar l-gholi tal-bini. **(Dok 7)**

6.5.2 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-**Internal Memo 24/2017** dwar works orders maħruġa bejn laqgħa u oħra, fejn ippropona r-ratifikazzjoni tagħhom, liema works orders inħarġu skond l-esiġenzi li kellu l-Kunsill.

6.5.3 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

6.5.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

6.5.5 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-**Internal Memo 25/2017** dwar l-ilmenti li kien għad hemm pendenti, fejn talab il-kumment tal-membri tal-Kunsill. Il-kelliem ippropona:

| **Ref.** | | **Ilment** | **Azzjoni** |
|---|---|---|---|
| 17 | 2017 | Talba sabiex jitneħħew is-siġar tal-akaċja ta' madwar il-blokk taghhom (Triq Pietru D'Armenia) minħabba li r-raġel tagħha ġie diagnosed bil-Fibrosis u qed ikomplu jagħmlulu l-ħsara. Infurmat lill-Kunsill li ċemplet x'imkien tal-agrikoltura (2292 4125) fejn qalula biex iċċempel lill-Kunsill u l-Kunsill ikellem lill-ERA. | Il-Kunsill ser jivverifika mal-ERA jekk hemmx bżonn xi permessi, jekk iva jintalab il-permess u jekk le jitneħħew bil-possibilita' li minflok jinżergħu siġar oħra. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 20 | 2017 | Talba biex jiżdied il-ħin ta' kemm tista' iddum bil-karozza fi Triq San Ġorġ Preca sabiex il-ġenituri jkunu jistgħu iniżżlu x-xirja u t-tfal. Bħalissa l-ħin massimu huwa dak ta’ 5 minuti. | Il-Kunsill għandu jitlob il-permess ta’ TM biex il-ħin jiżdied għal 15-il minuta. |
| 21 | 2017 | Talba sabiex issir zebra crossing fil-bidu ta' Triq il-Fortizza qabel taqbad in-niżla. | Minħabba r-regolamenti ta’ kemm għandha tkun il-bogħod minn kantuniera meta ssir zebra crossing, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li din tkun ta’ aktar periklu milli benefiċċju u għalhekk it-talba ma ġietx milqugħa. |

6.5.6 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

6.5.7 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 6.6 Jum Pembroke 2017.

6.6.1 Is-Sindku Dean Hili talab il-kummenti u proposti tal-membri tal-Kunsill. Il-kelliem irrimarka li jkun għaqli kieku din is-sena l-Kunsill jikkunsidra li l-attivita’ issir fl-inħawi tal-Knisja.

6.6.2 Wara diskussjoni li saret is-Sindku Dean Hili ppropona li:

- l-Kunsill għandu javviċina lill-Kappillan bil-possibilita’ li l-attivita’ issir fuq iz-zuntier tal-Knisja;
- li l-Knisja (jekk tkun interessata) tkun involuta vis-a-vis l-provvista bi ħlas l-ikel u xorb għal dawk preżenti;
- li jinkera dawl, sound u palk mingħand l-istess supplier tas-sena li għaddiet;
- Possibilment ikun hemm wirja statika ta’ muturi u karozzi amerikana;
- li jiġu avviċinata San u Dan bħala compare; li jiġu avviċinata Destiny Chuckunyere, Janice Mangion, Franklin Calleja u kontanti oħra simili biex iferħu s-serata;
- li studenti li temmew is-6 sena tal-iskola primarja jingħataw ktieb dwar l-istorja tal-lokal bħala tifkira;
- li jingħataw rikonoxximent lil St. Caterine’s High School għall-Guinees World Record;
- li jingħataw rikonoxximent lill-istudenti mill-iskola Sekondarja ta’ Pembroke li għamlu unur lill-lokal (Quiz Ekoteenz); u
- li kif deċiż fix-xhur li għaddew issir wirja b’konnessjoni mal-istorja milirati tal-lokal fil-bini tal-ITS.

6.6.3 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

6.6.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 6.7 Tender 2017/01 for the Provision of Legal Consultant Services.

6.7.1 Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li l-offerti kienu nfetħu iżda rrimarka li l-evelwaturi kien għadhom m'għamlux l-evalwazzjoni tagħhom u għalhekk dan l-item għandu jiġi diskuss f'laqgħa oħra.

## 6.8 Risposta għall-Management Letter tal-Awdituri 2016.

6.8.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1575/17/I** fejn ippreżenta lill-Kunsill kopja tar-risposta għall-management letter tal-awdituri għas-sena 2016. **(Dok 8)** Il-kelliem ippropona li tiġi approvata kif ippreżentata.

6.8.2 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

6.8.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 6.9 Rapport Annwali Amministrattiv 2016.

6.9.1 Is-Sindku Dean Hili ppreżenta lill-Kunsill ir-Rapport Annwali Amministrattiv għas-sena 2016. **(Dok 9)** Il-kelliem ippropona li jiġi approvat kif ippreżentat.

6.9.2 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

6.9.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 6.10 Flyer informattiv.

6.10.1 Is-Sindku Dean Hili rrimarka li dan is-suġġett, li kien ġie pospost minn laqgħat preċedenti peress li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat (li kienet il-Kunsillier li talbet li jiġi diskuss dan is-suġġett) kienet skużata, illum ma jistax jerġa' jiġi diskuss peress li reġgħet tinsab skużata u għalhekk irrimarka li dan mhux ser jerġa' jitla' fil-laqgħa jekk ma jerġax ikun hemm talba relatata.

## 6.11 The Goalkeeper Battle 2017 Annual Event.

6.11.1 Is-Sindku Dean Hili rrimarka li dan is-suġġett, li kien ġie pospost minn laqgħat preċedenti peress li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat (li kienet il-Kunsillier li talbet li jiġi diskuss dan is-suġġett) kienet skużata, illum ma jistax jerġa' jiġi diskuss peress li reġgħet tinsab skużata u għalhekk irrimarka li dan mhux ser jerġa' jitla' fil-laqgħa jekk ma jerġax ikun hemm talba relatata.

## 6.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti.

6.12.1 Is-Sindku Dean Hili ppreżenta l-iskeda tad-dħul u ħruġ. **(Dok. 10 sa 12)**

6.12.2 Wara li l-Kunsilliera raw u skrutinaw il-kontijiet ippreżentati, is-Sindku Dean Hili ppropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif ippreżentata.

6.12.3 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

6.12.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 6.13 Mozzjonijiet.

6.13.1 Is-Sindku Dean Hili nforma li ma kienu daħlu ebda mozzjonijiet u għalhekk għadda għall-item li kien imiss.

## 6.14 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

6.14.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6:25pm u ġiet aġġornata għat-22 ta' Ġunju 2017 fil-5:30pm.

Konfermati, illum 22 ta' Ġunju, 2017

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Avv. Dean Hili | Kevin Borg |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |